**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 1 ta' Gunju 2022**

**<u>Rikors nru : 268/2021 AGV fl-ismijiet;</u>**

**JA**

**v.**

**AEA**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' JA datat 6 ta' April 2022;**

Tesponi bir-rispett:-

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-ħdax ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (11/10/2008) ġewwa l-Eġittu (*vide* Dok A);

2. Illi kemm qabel u kemm wara ż-żwieġ tagħhom, il-partijiet kienu abitwalment jirrisjedu ġewwa Malta;

3. Illi għaldaqstant, mir-ritorn tagħhom lejn Malta wara ż-żwieġ li seħħ ġewwa l-Eġittu, bdiet tapplika l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet fir-rigward tal-beni li huma akkwistaw wara li waslu Malta, u dan ai termini tal-Artikolu 1316(2) tal-Kodiċi Ċivili;

4. Illi ż-żwieġ tal-kontendenti llum il-ġurnata sfaxxa, fost l-oħrajn minħabba eċċessi, minaċċi, sevizzi, theddid u offiżi gravi. Inoltre l-kontendenti partijiet qed jgħixu ħajja separata minn xulxin, u dan wara li l-intimat ġie ordnat jiżgombra mid-dar matrimonjali permezz ta' digriet datat dsatax ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (19/06/2021), fejn inħarġet ukoll ordni ta' protezzjoni favur l-esponenti (*vide* Dok B);

5. Illi l-esponenti qiegħda taħdem sabiex tibni ħajja għal rasha, iżda dan il-proċess qed jiġi mxekkel mill-fatt li għad hemm il-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet;

6. Illi l-esponenti għalhekk titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-ġudizzju finali a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili, u dan considerando illi mhu se jinħoloq ebda preġudizzju mhux proporzjonat għall-konvenut;

7. Illi fil-fatt tali preġudizzju ser jinħoloq jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' eżistenti bejn il-partijiet;

8. Illi t-terminazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti għandu jġib benefiċċju in kwantu mhux biss jevita li l-ebda parti ma tagħmel dejn li tiġi attribwita lill-komunjoni, iżda wkoll tgħin sabiex l-esponenti tirriakwista d-dritt illi tagħmel l-atti kollha tal-ħajja ċivili u kummerċjali u dan mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens u/jew approvazzjoni, jew l-intervent tal-intimat;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, salv kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment li jidhrilha xieraq u opportun:

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili;

2. Tawtorizza lill-partijiet sabiex jirreġistraw fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-**Risposta ta' AEA datata 26 ta' April 2022;**

Jesponi bir-rispett:

Illi jigi umilment rilevat illi l-esponenti qed jikkontesta t-talba tar-rikorrenti ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, ghaliex kemm-il darba din it-talba tar-rikorrenti tigi akkolta, l-esponenti ser isofri pregudizzju sostanzjali, u dan kif ser jigi spjegat.

Illi kif l-esponenti 'gia kellu okkazjoni li jirrileva permezz tar-risposta guramentata tieghu u wkoll fl-affidavit tieghu, ghalkemm iz-zwieg tal-partijiet

gie rregistrat hawn Malta fl-2008, huma kienu 'gia nghaqdu fiz-zwieg fl-Egittu skond ir-riti ta' dak il-pajjiz lura meta kien ghadu lanqas twieled l-ewwel wild taghhom, D, li llum huwa maggiorenni. Illi dan il-fatt qed jigi rilevat ghaliex, kif gie korrettement sollevat mir-rikorrenti, kien biss mill-2008 illi l-komunjoni tal-akkwisti dahlet fis-sehh bejn il-partijiet ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi Maltija, u dan minkejja li l-partijiet kienu 'gia koppja minn ferm qabel dak id-data. Illi kien f' dan il-kuntest illi, lura fl-2001, ghalkemm il-partijiet kienu koppja mizzewga – skond ir-riti tal-Egittu – il-proprjeta' immobbli li tikkostitwixxi d-dar matrimonjali tal-partijiet inxtrat mir-rikorrenti wahedha, in kwantu fuq il-kuntratt ta' akkwist deheret ir-rikorrenti wahedha bhala l-akkwirent. Illi madanakollu, jkun opportun illi jigi rilevat u osservat illi l-esponenti deher fuq il-kuntratt tal-akkwist tal-proprjeta' immobbli bhala garanti, minhabba li l-partijiet hadu self minghand bank kummercjali sabiex setghet tinxtara d-dar.

Illi l-esponenti huwa ben konsapevoli illi t-talba odjerna, ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, qed issir mir-rikorrenti sabiex hi tkun tista' tipprocedi bill-bejgh tad-dar matrimonjali, u dan minghajr ebda xkiel u indhil da parti tal-esponenti.

Illi l-esponenti jikkontendi illi huma dovuti xi krediti a favur tieghu, u dan peress illi l-fond matrimonjali kien inxtara fi stat ta' gebel u saqaf, u l-esponenti ghamel hafna xoghol hu personalment f' din id-dar, kif ukoll saru xi xogholijiet minn terzi bi tpartit ma' xoghol li l-esponenti kien jghamel ghal dawn it-terzi.

Illi peress illi d-dar matrimonjali hija l-uniku *asset* ta' valur, kwalunkwe pretensjoni li l-esponenti ghandu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, jista' jigi saldat biss sakemm id-dar tibqa' proprjeta' tal-partijiet, jew min minnhom. Illi kemm-il darba t-talba tar-rikorrenti tigi akkolta, u l-istess rikorrenti tipprocedi inostakolata bill-bejgh tal-proprjeta', ma jkun fadal ebda assi

kontra liema l-esponenti jkun jista' jottjeni l-esekuzzjoni tal-hlas tal-krediti li qed jivvanta permezz ta' dawn il-proceduri.

Illi r-rikorrenti tiddikjara, fil-hames (5) paragrafu tar-rikors taghha, illi hi qed tittenta tibni hajja ghal rasha, izda dan il-process qed jigi mxekkel mill-fatt li ghadha tezisti l-komunjoni tal-akkwisti.  Illi bid-dovut rispett, ma jirrizulta bl-ebda mod kif qed tigi mxekkla r-rikorrenti milli tibni hajja ghal rasha; kwalunkwe paga li l-esponenti tippercepixxi mill-impieg taghha tircevihom kollha hi, u l-esponenti qatt ma ressaq ebda pretensjoni in rigward.  Lanqas ma jirrizulta, mir-rikors odjern, illi r-rikorrenti ghandha l-hsieb illi tibda xi negozju ghal rasha, u li ghalhekk ghandha bzonn li tigi terminata l-komunjoni tal-akkwisti sabiex tkun tista' tibda tali process.

Illi ghalhekk jigi rilevat mill-gdid illi l-ghan ahhari li ghalih sar ir-rikors odjern huwa unikament sabiex ir-rikorrenti tipprocedi bill-bejgh tad-dar matrimonjali, u dan qabel ma jkun hemm ezitu finali f' dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk, u fid-dawl ta' dak hawn rilevat, l-esponenti qed joggezzjona u jopponi ghat-talba f' dan l-istadju tal-proceduri ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u dan ghar-ragunijiet hawn msemmija.

**Bl-ispejjez.**

**IKKUNSIDRAT:**

Illi in tema generali ghandu jinghad li talba bhal ma ressqet l-attrici, dik tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, tista' titressaq minn kull parti f'kawza ta' firda personali f'kull waqt matul il-kawza. Din it-talba, jekk tintlaqa' mill-Qorti, iggib maghha l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn partijiet mizzewga. Fi ftit kliem, dan ifisser li mid-data tas-sentenza 'l quddiem, ma

tesistix aktar il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet. Ghalhekk, dak kollu li kien jifforma parti mill-istess komunjoni sad-data tas-sentenza jibqa' difatti hekk kristallizzat, minghajr ma jigi likwidat. Tali likwidazzjoni ssehh biss mas-sentenza finali u mhux qabel. Dan ifisser li l-komunjoni tal-akkwisti esistenti sad-data tal-waqfien tibqa' hekk shiha, bid-differenza li l-partijiet issa jkunu jistghu jakkwistaw proprjeta' f'isimhom, minghajr ma din il-proprjeta' hekk mixtrija tmur tifforma parti mill-komunjoni.

Tali talba, izda, ma tintlaqax awtomatikament mill-Qorti, jekk il-parti l-ohra toggezzjona ghall-istess talba, liema oggezzjoni trid tkun ibbazata fuq dak li tipprovdi l-ligi, jigifieri li tali waqfien ser tohloq pregudizzju mhux proporzjonat lil dik il-parti li qed toggezzjona ghaliha. F'din il-kawza, l-intimat konvenut qieghed joggezzjona ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti mitlub mill-attrici rikorrenti proprju fuq din il-bazi. L-ilment tal-konvenut intimat huwa li bil-waqfien tal-komunjoni, id-dar matrimonjali – li jidher li hi parafernali tal-attrici – tista' tinbiegh liberament minnha, u ghalhekk il-konvenut intimat ma jkollux aktar il-possibilita' li jirkupra krediti li jghid huma dovuti lilu, kif imfisser fir-risposta tieghu. Apparti l-fatt li dak li qed jghid il-konvenut intimat mhuwiex ghal kollox korrett, ladarba hemm qbil li l-proprjeta' hija d-dar matrimonjali, xorta wahda jibqalu rimedji ohra bil-ligi biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu. Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut intimat li ser isofri pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni. Kull ma ser jigri huwa li l-partijiet jkunu liberi jakkwistaw proprjeta' mobbli u immobbli, f'isimhom, minghajr ma din tidhol tifforma parti mill-istess komunjoni.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li t-talba attrici fdan l-istadju ghandha tintlaqa', u l-Qorti tista' tghaddi biex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili;

2. Tawtorizza lill-partijiet sabiex jirreġistraw fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.

L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef**

**Onor. Anthony G Vella** **Cettina Gauci- Dep Reg**